MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 76/2011

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1) Illi l-kontendenti izzewwgu fit-3 ta’ Frar tas-sena elfejn u wiehed (03-02-2001) u minn dan iz-zwieg ma twieldu ebda tfal;
2) Illi l-kontendenti ilhom de facto separati minn xulxin ghal numru ta’ snin u ricentament anke sseparaw permezz ta’ separazzjoni bonarja wara d-debitu digriet tal-Qorti kompetenti;
3) Illi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti huwa null peress illi jezistu l-elementi kontemplati fl-artikoli 19

(1) (c), 19 (1) (d) u 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, kollox kif ser jigi ppruvat ahjar fil-kors tal-kawza;
4) Illi ghalhekk iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fit-3 ta' Frar 2001 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi;
5) Illi dawn il-fatti jistghu jigu ben pruvati u huma a konoxxenza diretta ta' l-esponent;

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg tal-kontendenti kuntrattat fit-3 ta' Frar 2001 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija;
2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jannota tali nullita fic-certifikat az-zwieg tal-kontendenti;

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat illi l-konvenuta hija kontumaci f'din il-kawza;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn l-attur A B u l-intimata C D tat-3 ta' Frar 2001 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(d) u (1)(f) tal-Att Dwar iz-Zwieg 1975.

**Verzjoni attrici**

L-attur jibda billi jghid li hu u l-intimata dahlu ghal dan iz-zwieg ghal raguni ta’ pratticita’ u mhux ghax kellhom xi relazzjoni profonda jew ghax kellhom xi komunikazzjoni tajba bejniethom. Hu jghid li dak iz-zmien kien jahdem barra minn Malta u kienet l-intimata li harget bl-idea taz-zwieg sabiex ma jkollux problemi ta’ visa u jkun jista’ jghix hawn Malta minghajr problemi ta’ xejn. L-attur jghid li C riedet tizzewweg mhux biex tifforma familja mieghu izda biex tghid li hi mizzewga. L-attur jghid li wara z-zwieg, hajjithom baqghet dejjem separata fis-sens li l-intimata baqghet tohrog ma’ shabha filwaqt li ghalih, din il-kwistjoni ma kienitx taghmel differenza. A jghid li wara z-zwieg, l-intimata nbidlet mil-lejl ghan-nhar fis-sens li zdiedet ferm il-birda taghha lejh. Ftit tax-xhur wara z-zwieg, l-attur jghid li skopra li ghandha problema tad-droga u tal-alkohol. Imbaghad, sentejn wara z-zwieg, ir-rikorrent skopra wkoll li l-intimata kien ikollha relazzjonijiet man-nisa. Jghid li raha b’ghajnejh stess tidhol f’postijiet li jiffrekwentaw in-nies omosesswali. Ir-rikorrent jghid li kif skopra dan kollu, rrabja ferm u ggieled mal-intimata ghax hass li tradietu u dahket bih billi zammet mistur fatturi tant importanti. Wara r-rikorrent tkellem man-nannu tal-intimata u l-intimata assiguratu li issa kienet irrealizzat li kellha ragel. Kien f’dan iz-zmien li r-rikorrent skopra x’kienet ir-raguni ghala l-genituri tal-intimata ma kienux ikellmuha u ghala kienet tghix man-nanna taghha. Ir-rikorrent jghid li xorta baqa’ jsegwi l-passi ta’ martu u fil-fatt skopra li hi xorta wahda baqghet tara nisa ohra.

L-istess rikorrent jghid li hu u martu qatt ma veru riedu tfal ghaliex l-intimata daqqa kienet tghid iva u daqqa tghid le. Izda jghid ukoll li meta ra l-hajja li kienet qed tghix l-intimata, hu stess ma riedx li jkollhom tfal ghalkemm fix-xhieda tieghu viva-voce jghid li huma pruvaw ghat-tfal izda dawn ma gewx. Hu jghid ukoll li lanqas biss qatt ma hasbu biex ikollhom xi dar ghalihom u dan kien komdu ghall-intimata ghaliex kienet tiehu hsieb kollox in-nanna taghha.

Ir-rikorrent jghid ukoll li l-intimata skontat piena ta’ habs fuq reat relatat mad-droga u jghid ukoll li kienet cemplitlu mill-habs fejn hedditu li jekk ma kienx ser itiha flus, kienet

ser tkeccih minn Malta. L-istess rikorrent jghid li ghalkemm l-intimata ghamlet program ta' riabilitazzjoni, dan ma sewa xejn ghaliex il-problema tad-droga ghadha hemm u jaghlaq billi jghid li kieku kien jaf b'dawn il-fatturi kollha tant determinanti, zgur li ma kienx jidhol ghal dan iz-zwieg.

**Verzjoni intimata**

Il-Qorti tirrileva li minkejja li l-intimata ma ntavolat ebda risposta guramentata taghha f'dawn il-proceduri, hija taghti l-verzjoni taghha tal-fatti kif graw.

L-intimata tghid li ltaqghet mar-rikorrent madwar seba' snin ilu meta hi kellha 18 –il sena. Hi tghid li r-relazzjoni taghhom kienet wahda normali ghalkemm fl-istess nifs tghid li qabel kienet gay. Tghid ukoll li saret thobb lir-rikorrent u zzewgu. Tghid ukoll li wara li pruvaw ikollhom it-tfal u ma rnexxilhomx hi regghet iltaqghet mal-partner taghha u regghet qabdet maghha. Mistoqsija mill-Qorti dwar jekk ir-rikorrent kienx jaf li l-intimata kellha dawn il-gibdiet lejn in-nisa, l-intimata tammetti li le. Fil-fatt hi tghid li meta skopra, r-rikorrent ma hadhiex tajba l-ahbar.

**Dwar Artikolu 19(1)(c) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tkixkel serjament il-hajja mizzewga**

Illi dwar dan l-Artikolu, ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Micallef Pierina Vs Bentanfous Amor**[1] fejn gie dikjarat li "***Kwantu ghal "qerq" .... dan certament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodici Civili. L-eghmil doluz pero` ma jista' qatt ikun prezunt u ghandu jigi pruvat (Artikolu 981(2)). Il-qerq irid ikun tali li jkun jista` jbieghed ir-raguni u jeghleb il-volonta`***". Imbaghad, permezz tal-kawza fl-ismijiet **Sciberras Stephen Vs Av. Francesco Depasquale Et Nomine**[2] gie sostnut ukoll li "***Sabiex ikun hemm nullita`***

[1] Deciza nhar id-9 ta' Dicembru 2002 mill- Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili
[2] Deciza nhar id-09 ta' Dicembru 2002 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili

***ta` zwieg fuq il-bazi li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mixxorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga, huwa mehtieg li tali kwalita`:***

***1. tkun wahda inerenti ghall-persuna u mhux xi att fil-passat;***

***2. tkun prezenti fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg;***

***3. tkun gravi jew oggettivament jew soggettivament;***

***4. ma tkunx maghrufa lill-parti l-ohra;***

***5. tigi mistura frawdolentement sabiex jigi ottjenut il-kunsens maritali; u***

***6. trid tipprovoka krizi meta tigi skoperta, ghax inkella jitqies li l-izball ma kienx sostanzjali***”.

Il-Qorti tirrileva li l-elementi msemmija fil-gurisprudenza hawn fuq citata huma pruvati sal-grad rikjest mill-ligi kwantu ghal dak li jirrigwarda s-sesswalita’ tal-intimata. Dan ghaliex johrog car mill-fatti li dan l-element kien mistur lir-rikorrent, kien definittivament prezenti fil-mument tal-kunsens (*stante* li l-intimata kellha relazzjonijiet ma’ nisa ohra qabel ma ltaqghet mar-rikorrent) u ovvjament tali gibda baqghet dejjem konsistenti fiha. Il-Qorti thoss ukoll li tali fattur u aspett tal-intimata huwa ta’ importanza u portata bizzejjed li jwassal ghall-gravita’ msemmija fl-istess gurisprudenza ghaliex mix-xorta taghha, twassal biex tipprovoka krizi fl-istess zwieg. Il-fatt li tali aspett gie skopert mir-rikorrent sentejn wara z-zwieg juri wkoll kemm l-intimata pruvat izzomm mistur din il-gibda taghha u fil-fatt fix-xhieda taghha tikkonferma li qabel iz-zwieg, ir-rikorrent ma kienx jaf b’xejn. Tenut kont ta’ dan kollu, il-Qorti thoss li l-intimata qarqet bir-rikorrent meta hbietlu u zammet minnu aspett tant importanti fuqha u konsegwentement hemm element bizzejjed sabiex jigi pruvat li l-kunsens tar-rikorrent kien vizjat b’qerq kommess mill-intimata.

**Dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba li l-intimat minhabba anomalija psikologika serja kien inkapaci illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga**

Il-Qorti fl-ewwel lok tirrileva li mix-xhieda tal-intimata l-problema tad-droga ma tissemma bl-ebda mod ghalkemm il-Qorti tirrileva li m'hemm xejn milli jgieghla tahseb li dan l-aspett mhux veritier. Minkejja dan l-aspett ta' droga, jidher car li l-intimata dahlet ghal dan iz-zwieg minghajr ma rriflettiet sewwa fuq il-pass li kienet ser tiehu. Dan qieghed jinghad ghaliex min-naha tghid li kienet thobb lir-rikorrent u min-naha l-ohra tikkonferma li ghandha gibdiet lejn in-nisa. Dan hu kkonfermat kemm mix-xhieda tar-rikorrent kif ukoll mill-intimata stess. Jigi rilevat ukoll li l-fatt li r-rikorrent ma kienx jaf b'dan il-fattur tant importanti u determinanti juri kemm fil-fatt l-intimata (ghalkemm hemm element ta' qerq kif diga' gie rilevat aktar 'il fuq), qatt ma setghet ikollha dik id-diskrezzjoni necessarja ghal dan iz-zwieg u l-obbligi u d-drittijiet essenzjali taz-zwieg ghaliex wiehed mill-obbligi essenzjali taz-zwieg huwa l-fedelta'. L-intimata li baqghet tahseb u trid lill-mahbuba taghha ma setghet qatt taqdi d-dmirijiet taghha bhala mara mizzewga.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde** fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti***

***taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom*”.**

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph#** “***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***”.

In vista tal-gurisprudenza citata aktar ‘il fuq u in vista tal-fatt li l-intimata m’gharfitx li l-gibdiet taghha lejn l-istess sess kienu ta’ impediment ghal dan iz-zwieg u konsegwentement waslu sabiex il-kunsens ghal dan l-istess zwieg kien vizjat, il-Qorti thoss li fic-cirkustanzi, l-intimata ma kellhiex id-*discretio judicii* sabiex verament taghti l-kunsens taghha.

**Dwar l-Arikolu 19(1)(f) u cioe’ li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b’eskluzjoni pozittiva ta’ wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, senjatament il-permanenza taz-zwieg**

Il-Qorti, anke a skans ta’ repetizzjoni terga’ taghmel referenza ghal dak citat aktar ‘il fuq u terga’ tirriafferma li l-fatt li l-intimata (u dan *ex admissis*) ghanda gibdiet lejn in-

nisa dan necessarjament ifisser li fil-mument propizju u cioe' fil-mument tal-kunsens, l-intimata qatt ma setghet taghti kunsens shih kif trid il-ligi ghaliex kienet taf u kienet konxja mill-gibdiet taghha u kienet taf ukoll li qatt ma setghet tkun fidila lejn ragel. Is-simulazzjoni tohrog ukoll mill-fatt li l-intimata zammet mistur dan il-fattur tant determinanti. Esternament ghamlet dawk l-atti li juru li riedet tkun fidila lejn ir-ragel taghha izda internament dan ma kienx il-kaz. L-intimata ghalkemm tghid li kienet thobb lir-rikorrent, tghid li l-glied taghha mar-rikorrent kien l-aktar minhabba x-xewqa taghha li terga' tmur lura mal-mahbuba taghha li kellha qabel.

Mill-provi jidher car li l-intimata qatt ma seta' jkollha intenzjoni li verament tkun mara ghall-attur jew li ghall-anqas tipprova tissodisfa l-obbligi taghha fiz-zwieg ghaliex sa' mill-bidu tar-relazzjoni taghhom kif ukoll fil-mument tal-kunsens, l-intimata kienet taf li kellha dawn il-gibdiet lejn mara u ghalhekk qatt ma setghet jew riedet taghti lilha nnifisha esklussivament lill-attur. F'dan l-istadju, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde** fejn gie ritenut li "***rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu***".

Il-Qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest, l-attur irid necessarjament jipprova li l-intimata ghamlet simulazzjoni parzjali tal-kunsens tieghu ghal dak li jirrigwarda l-obbligu tal-fedelta' jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg kif ukoll ghal dak li jirrigwarda z-zwieg innifsu li allura twassal ghal simulazzjoni. F'dan il-kuntest terga' ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde** fejn gie ritenut li "***Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss***

***wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra***". Mara li sa' mill-ewwel gurnata tkun qed tahseb fil-mahbuba taghha u zzomm mistur dan il-fatt mir-ragel taghha stess ma tista' qatt ikollha intenzjoni li tidhol ghal dan iz-zwieg ghal ragunijiet tajba u ghal zwieg dejjiemi bl-elementi kollha li jgib mieghu iz-zwieg, inkluza l-fedelta'.

Mill-provi migjuba, il-Qorti hija moralment konvinta u dan sal-grad rikjest mill-ligi li l-kunsens ghaz-zwieg ta' bejn il-partijiet kien vizjat.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg bejn il-partijiet null u bla effett fil-ligi. Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------